Avviz Numru CCT 478/11/GZ

**Tony u Cettina Zammit**

**vs**

**Halmann Vella Limited**

Illum 19 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tliet mija hamsa u ghoxrin Ewro u centezmu (€325.01), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal irhama tal-wicc ta' vanity unit li xtraw minghand is-socjeta' ntimata, liema irhama kienet iddanneggjata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu ordnaw irhama tal-wicc tal-vanity unit minghand is-socjeta' ntimata. Meta din l-irhama giet ikkonsenjata lilhom, huma innotaw illi l-'half round' ma kienx tajjeb u li kien hemm ukoll krakkjatura fil-wicc ta' l-irhama fin-naha tax-xellug. Ir-rikorrenti kienu gibdu l-attenzjoni tas-socjeta' ntimata, fejn wara li l-istess socjeta' ntimata rat l-irhama, hija baqghet tinsisti illi dan kien rizulatat tal-vina ta' l-irhama. Ir-rikorrenti kienu talbu li l-irhama tigi mibdula jew li jinghataw il-flus lura, pero' s-socjeta' ntimata kienet irrifjutat.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Preliminarjament l-azzjoni intentata hija irrita u null u dana stante illi s-socjeta' ntimata ma gietx informata bin-nuqqas ta' konformita' bil-miktub permezz ta' ittra registrata jew ufficjali fi zmien xahrejn kif stipulat fl-artikolu 79(1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378);

Illi fil-mertu f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-'half round', l-irhama giet irrangata minnufih mis-socjeta' esponenti b'mod sodisfacenti, hekk kif permess mil-ligi, u ghaldaqstant il-mertu fuq din il-kwistjoni huwa ezawrit u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Illi inoltre huwa fatt universalment maghruf u ben stabbilit, anke tramite decizjonijiet tal-Qrati, illi l-irham huwa materjal naturali illi min-natura tieghu jkollu l-vini izda dan bl-ebda mod ma jfisser illi l-irham in kwistjoni huwa maqsum jew difettuz u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri minn issa rizervati.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew numru ta' dokumenti, minn fejn jirrizulta l-prezz ta' tliet mija hamsa u ghoxrin Ewro u centezmu (€325.01) li huma hallsu lis-socjeta' ntimata ghall-irhama in kwistjoni.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal appunta lil Vincent E. Ciliberti, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata fuq l-ilmenti tar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata u qieghd jilqa' wkoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, liema eccezzjoni rrizultat ampjament car mir-rapport tal-espert tekniku, fejn huwa rrelata illi nonostante l-fatt li l-irhama in kwistjoni kienet giet irrangata mis-socjeta' ntimata minnufih, "kieku kien il-kaz li l-irhama kienet xpakkat fil-hxuna kollha taghha,

ossia maqsuma u nkollata kif allegat mir-rikorrenti, l-*filling* forma ta' salib fuq wara ta' l-irhama kien jestendi anke sax-xifer tal-*half round*' – fatt li ma rrizultax mill-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**